


Linji Gwida

Dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud



Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni	2
II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet.....	3
III. Għan	9
IV. Obbligi ta' konformità u rapportar	9
V. Linji gwida dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri ta' servizz ta' cloud	10
Linja Gwida 1. Governanza, sorveljanza u dokumentazzjoni	10
Linja Gwida 2. Analiżi ta' qabel l-esternalizzazzjoni u diliġenza dovuta.....	12
Linja Gwida 3. Elementi kuntrattwali ewlenin	14
Linja Gwida 4. Sigurtà tal-informazzjoni.....	15
Linja Gwida 5. Strateġiji ta' ħruġ	17
Linja Gwida 6. Drittijiet ta' Aċċess u ta' Awditjar	18
Linja Gwida 7. Subesternalizzazzjoni.....	19
Linja Gwida 8. Notifika bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti	20
Linja Gwida 9. Superviżjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud	21

I. Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti u għal (i) maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFMs) u depożitarji ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFs), (ii) impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), kumpaniji ta' maniġment u depożitarji tal-UCITS, u kumpaniji ta' investiment li ma jkunux ħatru kumpanija ta' maniġment awtorizzata skont id-Direttiva tal-UCITS (iii) kontropartijiet ġċentrali (CCPs), inklusi CCPs ta' pajjiżi terzi tal-Grad 2 li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-EMIR rilevanti, (iv) repożitorji tat-tranżazzjonijiet (TRs), (v) ditti tal-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu meta jitwettqu servizzi u attivitajiet ta' investiment, forniture ta' servizzi ta' rapportar ta' *data* u operaturi tas-suq ta' ċentri tan-negozjar, (vi) depożitarji ġċentrali tat-titoli (CSDs), (vii) aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs), (viii) repożitorji ta' titolizzazzjoni (SRs), u (ix) amministraturi ta' parametri referenzjarji kritiċi.
2. L-ESMA se tqis ukoll dawn il-linji gwida meta tivvaluta l-punt sa fejn il-konformità mar-rekwiżiti tal-EMIR rilevanti minn CCP ta' pajjiż terz tal-Grad 2 hija ssodisfata mill-konformità tagħha ma' rekwiżiti komparabbi fil-pajjiż terz skont l-Artikolu 25(2b)(a) tal-EMIR.

Xieħ?

3. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - a) l-Artikoli 15, 18, 20 u 21(8) tal-AIFMD; l-Artikoli 13, 22, 38, 39, 40, 44, 45, 57(1)(d), 57(2), 57(3), 58, 75, 76, 77, 79, 81, 82 u 98 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2013/231;
 - b) l-Artikoli 12(1)(a), 13, 14(1)(c), 22, 22a, 23(2), 30 u 31 tad-Direttiva tal-UCITS; l-Artikoli 4(1) sa 4(3), 4(5), 5(2), 7, 9, 23(4), 32, 38, 39 u 40 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE; l-Artikoli 2(2)(j), 3(1), 13(2), 15, 16 u 22 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/438;
 - c) l-Artikoli 25, 26(1), 26(3), 26(6), 34, 35 u 78-81 tal-EMIR; l-Artikoli 5 u 12 tal-SFTR; l-Artikoli 3(1)(f), 3(2), 4, 7(2)(d) u (f), 9 u 17 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013; l-Artikoli 16 u 21 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013; l-Artikoli 16 u 21 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/359;
 - d) l-Artikoli 16(2), 16(4), 16(5), 18(1), 19(3)(a), 47(1)(b) u (c), 48(1), 64(4), 65(5) u 66(3) tal-MiFID II; l-Artikoli 21(1) sa (3), 23, 29(5), 30, 31 u 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/565; l-Artikoli 6, 15 u 16 (6) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/584; l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/571;

¹ Mill-1 ta' Jannar 2022, ir-referenza għall-Artikoli 64(4), 65(5) u 66(3) tal-MiFID II għandha tinqara bħala li tirreferi għall-Artikoli 27g(4), 27h(5) u 27i(3) tal-MiFIR.

- e) I-Artikoli 22, 26, 30, 42, 44 u 45 tas-CSDR u I-Artikoli 33, 47, 50 (1), 57(2)(i), 66, 68, 75, 76, 78 u 80 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/392;
- f) I-Artikolu 9 u I-punti 4 u 8 tat-Taqsima A tal-Anness I u I-punt 17 tal-Anness II tar-Regolament CRA u I-Artikoli 11 u 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 2012/449;
- g) I-Artikolu 10(2) tal-SECR;
- h) I-Artikoli 6(3) u 10 tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u I-Punt 7 tal-Anness I għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1646.

Meta?

4. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-31 ta' Lulju 2021 għall-arranġamenti kollha ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jkunu saru, ġew imġedda jew emendati f'din id-data jew warajha. Id-ditti għandhom jirrieżaminaw u jemendaw kif xieraq l-arranġamenti eżistenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud bil-ħsieb li jiżguraw li jqisu dawn il-linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn ir-rięžami ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti ma jkunx iffinalizzat sal-31 ta' Diċembru 2022, id-ditti għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tagħhom dwar dak il-fatt, inklużi l-miżuri ppjanati sabiex jitlesta r-rięžami jew I-istratgeġja ta' ħruġ possibbli.

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Referenzi leġiżlattivi

Regolament tal-ESMA	Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ²
AIFMD	Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniżers ta' Fondi ta' Investimenti Alternativi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 ³
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2013/231	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2013/231 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jiissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni ⁴

² ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84

³ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1

⁴ ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1

Direttiva tal-UCITS	Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrativi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ⁵
Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti organizzazzjonali, il-konfitti ta' interess, il-kondotta fin-negozju, l-immaniġġjar tar-riskji u l-kontenut tal-ftehim ta' bejn id-depożitarju u l-kumpanija maniġerjali ⁶
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/438	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/438 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-obbligi tad-depożitarji ⁷
EMIR	Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ⁸
SFTR	Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁹
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali ¹⁰
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet ¹¹
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/359	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/359 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-

⁵ ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32

⁶ ĠU L 176, 10.7.2010, p. 42

⁷ ĠU L 78, 24.3.2016, p. 11

⁸ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1

⁹ ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1

¹⁰ ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41

¹¹ ĠU L 52, 23.2.2013, p. 25

	rigward tal-istands tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u l-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala depożitorju tat-tranżazzjonijiet ¹²
MiFID II	Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-strumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ¹³
MiFIR	Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-strumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (¹⁴)
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/565	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva ¹⁵
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/584	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/584 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti organizzazzjonali taċ-ċentri ta' negozjar ¹⁶
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/571	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/571 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-awtorizzazzjoni, ir-rekwiżiti organizzazzjonali u l-pubblikkazzjoni ta' tranżazzjonijiet għal fornituri tas-servizzi ta' rapportar tad-data ¹⁷
CSDR	Regolament (UE) Nru 909/2014 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldo tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ¹⁸
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/392	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/392 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, superviżorji u operazzjonali għal depożitarji ċentrali tat-titoli ¹⁹

¹² ĠU L 81, 22.3.2019, p. 45

¹³ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349

¹⁴ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84

¹⁵ ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1

¹⁶ ĠU L 87, 31.3.2017, p. 350

¹⁷ ĠU L 87, 31.3.2017, p. 126

¹⁸ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1

¹⁹ ĠU L 65, 10.3.2017, p. 48

Regolament tas-CRA	Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggħadaw il-kreditu ²⁰
Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 2012/449	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward standards tekniċi regolatorji dwar informazzjoni għar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ²¹
SECR	Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ²²
Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji	Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 ²³
Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1646	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1646 tat-13 ta' Lulju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ²⁴
GDPR	Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE ²⁵

Taqṣiriet

CSP	Fornitur ta' servizz ta' cloud
ESMA	Awtoritā Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

²⁰ ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1

²¹ ĠU L 140, 30.5.2012, p. 32

²² ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35

²³ ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1

²⁴ ĠU L 274, 5.11.2018, p. 43

²⁵ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88

UE

Unjoni Ewropea

Definizzjonijiet

<i>funzjoni</i>	tfisser kwalunkwe proċess, servizz jew attività;
<i>funzjoni kritika jew importanti</i>	tfisser kwalunkwe funzjoni li d-difett jew in-nuqqas fil-prestazzjoni tagħha jagħmel ħsara materjali lil: <ul style="list-style-type: none"> a) il-konformità ta' ditta mal-obbligi tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli; b) il-prestazzjoni finanzjarja ta' ditta; jew c) is-solidità jew il-kontinwità tas-servizzi u l-attivitajiet ewlenin ta' ditta;
<i>servizzi ta' cloud</i>	tfisser servizzi pprovduti bl-użu tal-cloud computing;
<i>cloud computing jew cloud²⁶</i>	tfisser paradigma li tippermetti aċċess għan-network għal-ġabru skalabbi u flessibbi ta' riżorsi fiżiċċi jew virtwali li jistgħu jiġi kondiviżi (pereżempju servers, sistemi operattivi, networks, software, applikazzjonijiet, u tagħmir tal-ħażżeen) bi proviżjonament self-service u amministrazzjoni fuq talba;
<i>fornitur ta' servizz ta' cloud</i>	tfisser parti terza li tiprovd servizzi ta' cloud taħt arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;
<i>arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud</i>	tfisser arranġament ta' kwalunkwe forma, inklużi arranġamenti ta' delega, bejn: <ul style="list-style-type: none"> (i) ditta u CSP li permezz tagħhom dak is-CSP iwettaq funzjoni li altrimenti titwettaq mid-ditta nnifisha; jew (ii) ditta u parti terza li mhijiex CSP, iżda li tiddependi b'mod sinifikanti minn CSP biex twettaq funzjoni li altrimenti titwettaq mid-ditta nnifisha. F'dan il-każ, referenza għal "CSP" f'dawn il-linji gwida għandha tinqara bħala referenza għal tali parti terza.
<i>subesternalizzazzjoni</i>	tfisser sitwazzjoni fejn is-CSP jittrasferixxi ulterjorment il-funzjoni esternalizzata (jew parti minn dik il-funzjoni) lil fornitur ta' servizz ieħor taħt arranġament ta' esternalizzazzjoni;

²⁶ Il-cloud computing ta' spiss jitqassar għal "cloud". It-terminu "cloud" jintuża matul il-bqija tad-dokument għall-faċilità ta' referenza.

*mudell ta' implementazzjoni
tal-cloud*

tfisser il-mod li bih il-cloud tista' tiġi organizzata abbażi tal-kontroll u l-kondiżjoni ta' riżorsi fiċċi jew virtwali. Il-mudelli ta' implementazzjoni tal-cloud jinkludu clouds komunitarji²⁷, ibridi²⁸, privati²⁹ u pubbliċi³⁰;

ditti

- a) maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi jew "AIFMs" kif definit fl-Artikolu 4(1)(b) tal-AIFMD u depożitarji kif imsemmi fl-Artikolu 21(3) tal-AIFMD ("depożitarji ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFs)");
- b) kumpaniji ta' maniġment kif definiti fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva tal-UCITS ("kumpaniji ta' maniġment tal-UCITS") u depożitarji kif definiti fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva tal-UCITS ("depożitarji tal-UCITS");
- c) kontropartijiet ċentrali (CCPs) kif definiti fl-Artikolu 2(1) tal-EMIR u CCPs ta' pajjiżi terzi tal-Grad 2 skont it-tifsira tal-Artikolu 25(2a) tal-EMIR li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-EMIR rilevanti skont l-Artikolu 25(2b)(a) tal-EMIR;
- d) repożitorji tat-tranżazzjonijiet kif definiti fl-Artikolu 2(2) tal-EMIR u fl-Artikolu 3(1) tal-SFTR;
- e) ditti ta' investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tal-MiFID II u istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1)(27) tal-MiFID II, li jwettqu servizzi u attivitajiet ta' investiment skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(2) tal-MiFID II;
- f) fornitori ta' servizzi ta' rapportar ta' *data* kif definit fl-Artikolu 4(1)(63) tal-MiFID II³¹;

²⁷ Mudell ta' implementazzjoni tal-cloud fejn is-servizzi ta' cloud jappoġġaw esklussivament u huma kondiżi minn ġabru spċċika ta' klijenti tas-servizzi ta' cloud li għandhom rekwiżiti kondiżi u relazzjoni ma' xulxin, u fejn ir-riżorsi jkunu kkontrollati minn tal-anqas membru wieħed ta' din il-ġabru;

²⁸ Mudell ta' implementazzjoni tal-cloud li juża mill-inqas żewġ mudelli differenti ta' implementazzjoni tal-cloud

²⁹ Mudell ta' implementazzjoni tal-cloud fejn is-servizzi ta' cloud jintużaw esklussivament minn klijent wieħed tas-servizz ta' cloud u r-riżorsi jkunu kkontrollati minn dak il-klijent tas-servizz ta' cloud

³⁰ Mudell ta' implementazzjoni tal-cloud fejn is-servizzi ta' cloud huma potenzjalment disponibbli għal kwalunkwe klijent tas-servizz ta' cloud u r-riżorsi jkunu kkontrollati mill-fornitur tas-servizz ta' cloud

³¹ Mill-1 ta' Jannar 2022, ir-referenza għal din id-dispożizzjoni għandha tinqara bħala referenza għall-punt 36(a) tal-Artikolu 2(1) tal-MiFIR.

- g) operaturi tas-suq ta' ċentri tan-negozjar skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(24) tal-MiFID II;
- h) depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) kif definiti fl-Artikolu 2(1)(1) tas-CSDR;
- i) aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu kif definiti fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament CRA;
- j) repożitorji ta' titolizzazzjoni kif definiti fl-Artikolu 2(23) tal-SECR.
- k) amministraturi ta' parametri referenzjarji kritiċi kif definiti fl-Artikolu 3(1)(25) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji.

III. Għan

5. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. L-objettivi ta' dawn il-linji gwida huma li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċċenti u effettivi fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) u li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tar-rekwiżiti msemmija fit-Taqsima 1.1 taħt l-intestatura "Xiex?" fejn id-ditti jesternalizzaw lis-CSPs. B'mod partikolari, dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jgħinu lid-ditti u lill-awtoritajiet kompetenti jid-identifikaw, jindirizzaw u jimmonitorjaw ir-riskji u l-isfidi li jirriżultaw mill-arrangġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud, mit-teħid tad-deċiżjoni li jesternalizzaw, l-għażla ta' fornitur ta' servizz ta' cloud, il-monitora ggħġi tal-aktivitajiet esternalizzati sal-provvista ta' strategi ta' ħruġ.

IV. Obbligi ta' konformità u rapportar

Status tal-linji gwida

6. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u d-ditti għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.
7. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn linji gwidi partikolari jkunu primarjament immirati lejn id-ditti.

F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, permezz tas-superviżjoni tagħhom, li d-ditti jikkonformaw mal-linji gwida.

8. Permezz tas-superviżjoni diretta kontinwa tagħha, l-ESMA se tivaluta l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida mis-CRAs, it-TRs, l-SRs, is-CCPs ta' pajjiżi terzi tal-Grad 2 u, mill-1 ta' Jannar 2022, minn forniture ta' servizzi ta' rapportar ta' *data* u amministraturi ta' parametri referenzjarji kritiċi tal-UE.

Obbligi ta' rapportar

9. Fi żmien xahrejn mid-data tal-publikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jridu jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u m'għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw mal-linji gwida.
10. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw ukoll lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-publikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida. Mudell għan-notifikasi huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jitmela l-mudell, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.
11. Id-ditti mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk humiex konformi ma' dawn il-linji gwida.

V. Linji gwida dwar l-esternalizzazzjoni lil forniture ta' servizz ta' cloud

Linja Gwida 1. Governanza, sorveljanza u dokumentazzjoni

12. Ditta għandu jkollha strateġija ta' esternalizzazzjoni tal-cloud definita u aġġornata li tkun konsistenti mal-istrateġiji u l-politiki u l-proċessi interni rilevanti tad-ditta, inkluż firrigward tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-sigurtà tal-informazzjoni, u l-ġestjoni tar-riskju operazzjonali.
13. Ditta għandha:
 - a) tassenja b'mod ċar ir-responsabbiltajiet għad-dokumentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud fi ħdan l-organizzazzjoni tagħha;
 - b) talloka biżżejjed riżorsi biex tiżgura konformità ma' dawn il-linji gwida u r-rekwiżiti legali kollha applikabbi għall-arranġamenti tagħha ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;

- c) tistabbilixxi funzjoni ta' sorveljanza tal-esternalizzazzjoni tal-cloud jew taħtar membri għolja tal-persunal li huma direttament responsabbi lejn il-korp maniġerjali u responsabbi mill-ġestjoni u s-sorveljanza tar-riskji tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud. Meta jikkonformaw ma' din il-linjal gwida, id-ditti għandhom iqisu n-natura, l-iskala u l-kumplessitā tan-neozju tagħhom, inkluż f'termini ta' riskju għas-sistema finanzjarja, u r-riskji inerenti għall-funzjonijiet esternalizzati u jiżguraw li l-korp maniġerjali tagħhom ikollu l-ħiliet tekniċi rilevanti biex jifhem ir-riskji involuti fl-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud³². Ditti żgħar u inqas kumplessi għandhom tal-anqas jiżguraw diviżjoni ċara tal-kompi u r-responsabbiltajiet għall-ġestjoni u s-sorveljanza tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud.
14. Ditta għandha timmonitorja l-prestazzjoni tal-attivitajiet, il-miżuri ta' sigurtà u l-aderenza mal-livelli tas-servizz maqbûl mis-CSPs tagħha. Dan il-monitora ggħi għandu jkun ibbażat fuq ir-riskju, b'fokus primarju fuq il-funzjonijiet kritiċi jew importanti li jkunu ġew esternalizzati.
15. Ditta għandha tivvaluta mill-ġdid jekk l-arranġamenti tagħha ta' esternalizzazzjoni tal-cloud jikkonċernawx funzjoni kritika jew importanti perjodikament u kull meta r-riskju, in-natura jew l-iskala ta' funzjoni esternalizzata tkun inbidlet materjalment.
16. Ditta għandha żżomm reġistro aġġornat ta' informazzjoni dwar l-arranġamenti kollha tagħha ta' esternalizzazzjoni tal-cloud, b'distinzjoni bejn l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti u arranġamenti oħra ta' esternalizzazzjoni. Meta ssir distinzjoni bejn l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti u arranġamenti oħra ta' esternalizzazzjoni, din għandha tiprovvdi sommarju qasir tar-raġunijiet għaliex il-funzjoni esternalizzata hija jew mhixiex meqjusa bħala kritika jew importanti. Filwaqt li tqis il-liġi nazzjonali, ditta għandha żżomm ukoll rekord tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud mitmuma għal perjodu ta' żmien xieraq.
17. Għall-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jikkonċernaw funzjonijiet kritiċi jew importanti, ir-reġistro għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja għal kull arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud:
- numru ta' referenza;
 - id-data tal-bidu u, kif applikabbli, id-data li jmiss tat-tiġidid tal-kuntratt, id-data tat-tmiem u/jew il-perjodi ta' avviż għas-SASP u għad-ditta;
 - deskrizzjoni qasira tal-funzjoni esternalizzata, inkluża d-data li tiġi esternalizzata u jekk din id-data tħalli data personali (pereżempju billi tingħata iva jew le f'qasam tad-data separat);
 - kategorija assenjata mid-ditta li tirrifletti n-natura tal-funzjoni esternalizzata (pereżempju l-funzjoni tat-teknoloġija tal-informatika, il-funzjoni ta' kontroll), li għandha tiffaċilita l-identifikazzjoni tat-tipi differenti ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;

³² Għad-ditti ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, ara "Il-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-korp maniġerjali u d-detenturi tal-funzjoni ewleni skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE" (EBA/GL/2017/12).

- e) jekk il-funzjoni esternalizzata tappoġġax l-operazzjonijiet tan-negożju li jkunu urġenti;
 - f) l-isem u l-isem tad-ditta (jekk ikun hemm) tas-CSP, il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tiegħu, in-numru tar-reġistrazzjoni korporattiva tiegħu, l-identifikatur tal-entită legali tiegħu (fejn disponibbli), l-indirizz irreġistrat tiegħu, id-dettalji ta' kuntatt rilevanti tiegħu u l-isem tal-kumpanija omm tiegħu (jekk ikun hemm);
 - g) il-liġi regolatorja tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud u, jekk ikun hemm, l-għażla tal-ġurisdizzjoni;
 - h) it-tip ta' servizzi ta' cloud u mudelli ta' implementazzjoni u n-natura speċifika tad-data li għandha tinżamm u l-postijiet (jiġifieri reġjuni jew pajjiżi) fejn tali *data* tista' tinħażen;
 - i) id-data tal-valutazzjoni l-aktar reċenti fir-rigward tal-kritikalità jew tal-importanza tal-funzjoni esternalizzata u d-data tal-valutazzjoni ppjanata li jmiss;
 - j) id-data tal-valutazzjoni tar-riskju/tal-auditjar l-aktar reċenti tas-CSP flimkien ma' sommarju qasir tar-riżultati ewlenin, u d-data tal-valutazzjoni tar-riskju/tal-auditjar ippjanata li jmiss;
 - k) il-korp individwali jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet fid-ditta li jkun approva l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;
 - l) fejn applikabbi, l-ismijiet ta' kwalunkwe subesternalizzatur li lilu tiġi subesternalizzata funzjoni kritika jew importanti (jew partijiet materjali tagħha), inklużi l-pajjiżi fejn is-subesternalizzatur huma rreġistrati, fejn se jitwettaq is-servizz subesternalizzat, u l-postijiet (jiġifieri reġjuni jew pajjiżi) fejn se tinħażen id-data;
 - m) l-ispiża baġitarja annwali stmatu tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud.
18. Għall-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jikkonċernaw funzjonijiet mhux kritiċi jew mhux importanti, ditta għandha tiddefinixxi l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-reġistru abbażi tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għall-funzjoni esternalizzata.
- ## **Linja Gwida 2. Analiżi ta' qabel l-esternalizzazzjoni u diliġenzo dovuta**
19. Qabel ma tidħol fi kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud, ditta għandha:
- a) tivvaluta jekk l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud jikkonċernax funzjoni kritika jew importanti;
 - b) tidentifika u tivvaluta r-riskji rilevanti kollha tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;
 - c) twettaq diliġenzo dovuta xierqa fuq is-CSP prospettiv;
 - d) tidentifika u tivvaluta kwalunkwe kunflitt ta' interess li l-esternalizzazzjoni tista' tikkawża.
20. L-analiżi ta' qabel l-esternalizzazzjoni u d-diliġenzo dovuta fuq is-CSP prospettiv għandhom ikunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-funzjoni li d-ditta biċċiebha testernalizza u r-riskji inerenti għal din il-funzjoni. Din għandha tinkludi mill-inqas valutazzjoni tal-impatt potenzjali tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud fuq ir-riskji operazzjonali, legali, ta' konformità u reputazzjonali tad-ditta.

21. F'każ li l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud jikkonċerna funzjonijiet kritiċi jew importanti, ditta għandha wkoll:

- a) tivvaluta r-riskji rilevanti kollha li jistgħu jinħolqu bħala riżultat tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud, inklużi r-riskji b'rabta mat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-sigurtà tal-informazzjoni, il-kontinwità tal-operat, ir-riskji legali, ta' konformità u reputazzjonali, ir-riskji operazzjonali, u l-limitazzjonijiet possibbli ta' sorveljanza għad-ditta, li jirriżultaw minn:
 - i. is-servizz ta' cloud magħżul u l-mudelli ta' implementazzjoni proposti;
 - ii. il-migrazzjoni u/jew il-proċessi ta' implementazzjoni;
 - iii. is-sensittività tal-funzjoni u d-data relatata li tkun qed titqies biex tiġi esternalizzata u l-miżuri ta' sigurtà li jkun jeħtieġ li jittieħdu;
 - iv. l-interoperabbiltà tas-sistemi u l-applikazzjonijiet tad-ditta u tas-CSP, jiġifieri l-kapaċità tagħhom li jiskambjaw informazzjoni u jużaw b'mod reċiproku l-informazzjoni li tkun ġiet skambjata;
 - v. il-portabbiltà tad-data tad-ditta, jiġifieri l-kapaċità li tiġi ttrasferita faċilment id-data tad-ditta minn CSP għal ieħor jew lura lid-ditta;
 - vi. l-istabbiltà politika, is-sitwazzjoni tas-sigurtà u s-sistema legali (inklużi d-dispożizzjonijiet fis-seħħi dwar l-infurzar tal-liġi, id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-insolvenza li japplikaw f'każ ta' falliment tas-CSP, il-liġijiet fis-seħħi dwar il-protezzjoni tad-data u jekk il-kundizzjonijiet għat-trasferiment tad-data personali lil pajjiż terz skont il-GDPR humiex issodisfati) tal-pajjiż (fl-UE jew barra minnha) fejn il-funzjonijiet esternalizzati jkunu pprovduti u fejn id-data esternalizzata tkun maħżuna; f'każ ta' subesternalizzazzjoni, ir-riskji addizzjonali li jistgħu jinħolqu jekk is-subesternalizzatur ikun jinsab f'pajjiż terz jew f'pajjiż differenti mis-CSP u, f'każ ta' katina ta' subesternalizzazzjoni, kwalunkwe riskju addizzjonali li jista' jinqala', inkluż fir-rigward tal-assenza ta' kuntratt dirett bejn id-ditta u s-subesternalizzatur li jwettaq il-funzjoni esternalizzata;
 - vii. konċentrazzjoni possibbli fi ħdan id-ditta (inkluż, fejn applikabbli, fil-livell tal-grupp tagħha) ikkawżaata minn diversi arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud bl-istess CSP kif ukoll konċentrazzjoni possibbli fi ħdan is-settur finanzjarju tal-UE, ikkawżaata minn ditti multipli li jagħmlu użu mill-istess CSP jew grupp żgħir ta' CSPs. Meta tivvaluta r-riskju ta' konċentrazzjoni, id-ditta għandha tqis l-arranġamenti kollha tagħha ta' esternalizzazzjoni tal-cloud (u, fejn applikabbli, l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud fil-livell tal-grupp tagħha) ma' dak is-CSP;
- b) tqis il-benefiċċċi u l-kostijiet mistennija tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud, inkluż l-ippeżar ta' kwalunkwe riskju sinifikanti li jista' jitnaqqas jew jiġi ġestit aħjar kontra kwalunkwe riskju sinifikanti li jista' jirriżulta bħala riżultat tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud.

22. F'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, id-diliġenza dovuta għandha tinkludi evalwazzjoni tal-adegwatezza tas-CSP. Meta tivvaluta l-adegwatezza tas-CSP, ditta għandha tiżgura li s-CSP ikollu r-reputazzjoni tan-negożju, il-ħiliet, ir-riżorsi (inklużi dawk umani, tal-IT u finanzjarji), l-istruttura organizzazzjonali u, jekk applikabbli, l-awtorizzazzjoni(jiet) jew regiżazzjoni(jiet) rilevanti biex iwettaq il-funzjoni

kritika jew importanti b'mod affidabbi u professionali u biex jissodisfa l-obbligi tiegħu tul id-durata tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud. Fatturi addizzjonal li għandhom jitqiesu fid-diliġenza dovuta dwar is-CSP jinkludu, iżda mħumiex limitati għal:

- a) il-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u b'mod partikolari l-protezzjoni ta' *data personali*, kunkfidenzjali jew b'xi mod ieħor sensitiva;
 - b) l-appoġġ tas-servizz, inklużi l-pjanijiet u l-kuntatti ta' appoġġ, u l-proċessi ta' ġestjoni tal-inċidenti;
 - c) il-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat u ta' rkupru minn diżastru;
23. Fejn xieraq u sabiex tappoġġa d-diliġenza dovuta mwettqa, ditta tista' tuża wkoll ċertifikazzjonijiet ibbażati fuq standards internazzjonali u rapporti tal-awditjar esterni jew interni.
24. Jekk ditta ssir konxja ta' nuqqasijiet sinifikanti u/jew bidliet sinifikanti fis-servizzi pprovduti jew fis-sitwazzjoni tas-CSP, l-analiżi ta' qabel l-esternalizzazzjoni u d-diliġenza dovuta dwar is-CSP għandha tiġi rieżaminata minnufih jew fejn meħtieġ imwettqa mill-ġdid.
25. F'każ li ditta tidħol f'arranġament ġdid jew iċċeġedded arranġament eżistenti ma' CSP li digħa ġie vvalutat, hija għandha tiddetermina, fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, jekk hijex meħtieġa diliġenza dovuta ġidid.

Linja Gwida 3. Elementi kuntrattwali ewlenin

26. Id-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' ditta u tas-CSP tagħha għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar fi ftehim bil-miktub.
27. Il-ftehim bil-miktub għandu jippermetti espressament il-possibbiltà li d-ditta titterminah, fejn meħtieġ.
28. F'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, il-ftehim bil-miktub għandu jinkludi mill-inqas:
- a) deskrizzjoni ċara tal-funzjoni esternalizzata;
 - b) id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem, fejn applikabbi, tal-ftehim u l-perjodi ta' avviż għas-CSP u għad-ditta;
 - c) il-liġi regolatorja tal-ftehim u, jekk ikun hemm, l-għażla tal-ġurisdizzjoni;
 - d) l-obbligi finanzjarji tad-ditta u tas-CSP;
 - e) jekk is-subernalizzazzjoni hijex permessa, u, jekk iva, taħħi liema kundizzjonijiet, b'kunsiderazzjoni tal-Linja Gwida 7;
 - f) il-post(ijiet) (jiġifieri reġjuni jew pajjiżi) fejn il-funzjoni esternalizzata se tiġi pprovduta u fejn id-data se tiġi pproċessata u maħżuna, u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati, inkluż rekwiżit biex id-ditta tiġi nnotifikata jekk is-CSP jipproponi li jibdel il-post(ijiet);

- g) dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-*data* personali, b'kunsiderazzjoni tal-Linja Gwida 4;
- h) id-dritt li d-ditta timmonitorja l-prestazzjoni tas-CSP skont l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud fuq bażi regolari, b'kunsiderazzjoni tal-Linja Gwida 6;
- i) il-livelli tas-servizz maqbula, li għandhom jinkludu, miri ta' prestazzjoni kwantitattivi u kwalitattivi sabiex jippermettu li jsir monitoraġġ fil-ħin sabiex ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa mingħajr dewmien żejjed jekk il-livelli tas-servizz maqbula ma jiġux issodisfati;
- j) l-obbligi ta' rapportar tas-CSP tad-ditta, u, kif xieraq, l-obbligi li jiġu ppreżentati rapporti rilevanti għall-funzjoni ta' sigurtà u l-funzjonijiet ewlenin tad-ditta, bħal rapporti mħejjiha mill-funzjoni ta' awditjar intern tas-CSP;
- k) dispożizzjonijiet dwarf il-ġestjoni ta' inċidenti mis-CSP, inkluż l-obbligu li s-CSP jirrapporta għand id-ditta mingħajr dewmien żejjed inċidenti li affettaw l-operat tas-servizz kuntrattat tad-ditta;
- l) jekk is-CSP għandux jieħu assigurazzjoni obbligatorja kontra ċerti riskji u, jekk applikabbli, il-livell tal-kopertura tal-assigurazzjoni mitluba;
- m) ir-rekwiżiti għas-CSP biex jimplimenta u jittestja l-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat u ta' rkupru minn diżastru;
- n) ir-rekwiżit li s-CSP jagħti lid-ditta, lill-awtoritajiet kompetenti tagħha u lil kwalunkwe persuna oħra maħtura mid-ditta jew mill-awtoritajiet kompetenti d-dritt li jaċċessaw ("drittijiet ta' aċċess") u li jispezzjonaw ("drittijiet ta' awditjar") l-informazzjoni, il-bini, is-sistemi u l-apparati rilevanti tas-CSP sal-punt meħtieġ biex tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni tas-CSP skont l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud u l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti regolatorji u kuntrattwali applikabbli, b'kunsiderazzjoni tal-Linja Gwida 6;
- o) dispożizzjonijiet li jiżguraw li d-*data* li s-CSP jiproċessa jew jaħżeen f'isem id-ditta tkun tista' tiġi aċċessata, irkuprata u ritornata lid-ditta kif meħtieġ, b'kunsiderazzjoni tal-Linja Gwida 5.

Linja Gwida 4. Sigurtà tal-informazzjoni

29. Ditta għandha tistabbilixxi rekwiżiti tas-sigurtà tal-informazzjoni fil-politiki u l-proċeduri interni tagħha u fi ħdan il-ftehim bil-miktub ta' esternalizzazzjoni tal-cloud u timmonitorja l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti fuq bażi kontinwa, inkluż biex tipproteġi *data* kunfidenzjali, personali jew b'xi mod ieħor sensitiva. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-funzjoni li d-ditta testernalizza lis-CSP u r-riskji inerenti għal din il-funzjoni.
30. Għal dak il-għan, f'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzionijiet kritiċi jew importanti, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti applikabbli skont il-GDPR, ditta, li tapplika approċċ ibbażat fuq ir-riskju, għandha mill-inqas:

- a) *organizzazzjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni*: tiżgura li jkun hemm allokazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni bejn id-ditta u s-CSP, inkluż b'rabta mad-detezzjoni tat-theddid, il-ġestjoni tal-inċidenti u l-ġestjoni tas-software korrettiv, u tiżgura li s-CSP ikun effettivamente kapaċi jissodisfa r-rwoli u r-responsabbiltajiet tiegħu;
- b) *ġestjoni tal-identità u tal-aċċess*: tiżgura li jkun hemm stabbiliti mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni b'saħħithom (pereżempju awtentikazzjoni b'ħafna fatturi) u kontrolli tal-aċċess bil-għan li jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat għad-data tad-ditta u r-riżorsi tal-cloud back-end;
- c) *kriptaġġ u persunal maniġerjali ewljeni*: tiżgura li jintużaw teknoloġiji rilevanti ta' kriptaġġ, fejn meħtieġ, għal data fi tranżitu, data f'memorja, data wieqfa u backups tad-data, flimkien ma' soluzzjonijiet xierqa ta' persunal maniġerjali ewljeni biex tillimita r-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat għaċ-ċwievet kriptografiċi; b'mod partikolari, id-ditta għandha tqis teknoloġija u proċessi mill-aktar avvanzati meta tagħżel is-soluzzjoni tagħha ta' persunal maniġerjali ewljeni;
- d) *sigurtà tal-operazzjonijiet u tan-network*: tqis livelli xierqa ta' disponibbiltà tan-network, segregazzjoni tan-network (pereżempju l-iżolament tat-tenant fl-ambjent kondiviż tal-cloud, is-separazzjoni operazzjonali fir-rigward tal-web, il-loġika tal-applikazzjoni, is-sistema operattiva, in-network, is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Bażi tad-Data (DBMS) u s-saffi tal-ħażin) u ambjenti tal-ipproċessar (pereżempju l-ittejtjar, l-Ittestjar, l-Ittestjar tal-Aċċettazzjoni mill-Utent, l-iżvilupp, il-produzzjoni)
- e) *interfaċċi għall-iprogrammar tal-applikazzjoni (API)*: tqis mekkaniżmi għall-integrazzjoni tas-servizzi ta' cloud mas-sistemi tad-ditta biex tiżgura s-sigurtà tal-APIs (pereżempju l-istabbiliment u ż-żamma ta' politiki u proċeduri dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għal APIs f'diversi interfaċċi ta' sistemi, ġurisdizzjonijiet, u funzjonijiet tan-negożju għall-prevenzjoni ta' żvelar mhux awtorizzat, modifika jew qerda ta' data);
- f) *kontinwità tal-operat u rkupru minn diżastru*: tiżgura li jkun hemm stabbiliti kontrolli effettivi tal-kontinwità tal-operat u tal-irkupru minn diżastru (pereżempju billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' kapaċità, tagħżel opzjonijiet ta' ospitar li huma ġeografikament mifruxa, bil-kapaċità li taqleb minn waħda għall-oħra, jew titlob u tirrieżamina d-dokumentazzjoni li turi r-rotta tat-trasport tad-data tad-ditta fost is-sistemi tas-CSP, kif ukoll tqis il-possibbiltà li tirreplika immaġnijiet tal-magni għal post ta' ħażin indipendent, li jkun iżolat biżżejjed min-network jew li jitneħħa minn fuq l-internet);
- g) *lokalità tad-data*: tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ħażin tad-data u l-lokalità/lokalitajiet tal-ipproċessar tad-data (jiġifieri reġjuni jew pajjiżi);
- h) *konformità u monitoraġġ*: tivverifika li s-CSP jikkonforma mal-standards tas-sigurtà tal-informazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment u jkun implimenta kontrolli xierqa tas-sigurtà tal-informazzjoni (pereżempju billi titlob lis-CSP jipprovdi evidenza li jwettaq rieżamijiet rilevanti tas-sigurtà tal-informazzjoni u billi twettaq valutazzjonijiet u testijiet regolari fuq l-arranġamenti tas-sigurtà tal-informazzjoni tas-CSP).

Linja Gwida 5. Strateġiji ta' ħruġ

31. F'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, ditta għandha tiżgura li tkun tista' toħroġ mill-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud mingħajr tfixkil żejjed għall-attivitajiet u s-servizzi tan-negożju tagħha lill-klijenti tagħha, u mingħajr ebda detriment għall-konformità tagħha mal-obbligi tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbi, kif ukoll il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tad-data tagħha. Għal dak il-għan, ditta għandha:
- tiżviluppa pjanijjiet ta' ħruġ li jkunu komprensivi, dokumentati u ttestjati b'mod suffiċjenti. Dawn il-pjanijjiet għandhom jiġu aġġornati kif meħtieġ, inkluż f'każ ta' bidliet fil-funzjoni esternalizzata;
 - tidentifika soluzzjonijiet alternattivi u tiżviluppa pjanijjiet ta' tranżizzjoni biex tneħħi l-funzjoni esternalizzata u d-data mis-CSP u, fejn applikabbi, kwalunkwe subesternalizzatur, u tittrasferihom lis-CSP alternativ indikat mid-ditta jew direttament lura lid-ditta. Dawn is-soluzzjonijiet għandhom jiġu ddefiniti fir-rigward tal-isfidi li jistgħu jirriżultaw mil-lokalità tad-data, filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat matul il-fażi ta' tranżizzjoni;
 - tiżgura li l-ftehim bil-miktub ta' esternalizzazzjoni tal-cloud jinkludi l-obbligu li s-CSP jappoġġa t-trasferiment ordnat tal-funzjoni esternalizzata, u l-ipproċessar relatat tad-data, mis-CSP u kwalunkwe subesternalizzatur għal CSP ieħor indikat mid-ditta jew direttamente lid-ditta f'każ li d-ditta tattiva l-istrateġija ta' ħruġ. L-obbligu li jiġi appoġġat it-trasferiment ordnat tal-funzjoni esternalizzata, u t-trattament relatat tad-data, għandhom jinkludu, fejn rilevanti, it-tħassir sigur tad-data mis-sistemi tas-CSP u kwalunkwe subesternalizzatur.
32. Meta tiżviluppa l-pjanijjiet ta' ħruġ u s-soluzzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) hawn fuq ("strateġija ta' ħruġ"), id-ditta għandha tqis dan li ġej:
- tiddefinixxi l-objettivi tal-istrateġija ta' ħruġ;
 - tiddefinixxi l-eventi skattaturi li jistgħu jattivaw l-istrateġija ta' ħruġ. Dawn għandhom jinkludu mill-inqas it-terminazzjoni tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud fuq l-inizjattiva tad-ditta jew tas-CSP u l-falliment jew waqfien serju ieħor tal-attività kummerċjali tas-CSP;
 - twettaq analiżi tal-impatt tan-negożju li tkun proporzjonata mal-funzjoni esternalizzata sabiex tidentifika liema riżorsi umani u oħra jn ikunu meħtieġa biex timplimenta l-istrateġija ta' ħruġ;
 - tassenja rwoli u responsabbiltajiet għall-ġestjoni tal-istrateġija ta' ħruġ;
 - tittestja l-adegwatezza tal-istrateġija ta' ħruġ, billi tuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju, (pereżempju, billi twettaq analiżi tal-kostijiet potenzjali, l-impatt, ir-riżorsi u l-implikazzjonijiet taż-żmien tat-trasferiment ta' servizz esternalizzat lil fornitr alternattiv);
 - tiddefinixxi kriterji ta' succcess tat-tranżizzjoni.
33. Ditta għandha tinkludi indikaturi tal-eventi skattaturi tal-istrateġija ta' ħruġ fil-monitoraġġ u s-sorveljanza kontinwi tagħha tas-servizzi pprovduti mis-CSP skont l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud.

Linja Gwida 6. Drittijiet ta' Aċċess u ta' Awditjar

34. Ditta għandha tiżgura li l-ftehim bil-miktub ta' esternalizzazzjoni tal-cloud ma jillimitax l-eżerċizzju effettiv tad-ditta u tal-awtorità kompetenti tad-drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar u tal-opzjonijiet ta' sorveljanza fuq is-CSP.
35. Ditta għandha tiżgura li l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar (pereżempju, il-frekwenza tal-awditjar u l-oqsma u s-servizzi li għandhom jiġu awditjati) iqis jekk l-esternalizzazzjoni hijex relatata ma' funzjoni kritika jew importanti, kif ukoll in-natura u l-firxa tar-riskji u l-impatt li jirriżultaw mill-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud fuq id-ditta.
36. F'każ li l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess jew ta' awditjar, jew l-użu ta' ċerti tekniki tal-awditjar joħolqu riskju għall-ambjent tas-CSP u/jew klijent ieħor tas-CSP (pereżempju billi jkollhom impatt fuq il-livelli tas-servizz, il-kunfidenzjalitā, l-integrità u d-disponibbiltà tad-data), is-CSP għandu jipprovd raġunament ċar lid-ditta dwar għaliex dan joħloq riskju u s-CSP għandu jaqbel mad-ditta dwar modi alternattivi biex jinkiseb riżultat simili (pereżempju, l-inklużjoni ta' kontrolli speċifiċi li għandhom jiġu t-testjati f'rappo/ċertifikazzjoni speċifika prodotta mis-CSP).
37. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà finali tagħhom rigward l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud, sabiex jużaw ir-riżorsi tal-awditjar b'mod aktar effiċjenti u jnaqqsu l-piż organizzattiv fuq is-CSP u l-klijenti tiegħi, id-ditti jistgħu jużaw:
 - a) ċertifikazzjonijiet ta' parti terza u rapporti tal-awditjar esterni jew interni li jkunu magħmula disponibbli mis-CSP;
 - b) awditi aggregati mwettqa b'mod konġunt ma' klijenti oħra tal-istess CSP jew awditi aggregati mwettqa minn awditur ta' parti terza maħtur minn diversi klijenti tal-istess CSP.
38. F'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzionijiet kritiċi jew importanti, ditta għandha tivvaluta jekk iċ-ċertifikazzjonijiet ta' parti terza u r-rapporti tal-awditjar esterni jew interni msemmija fil-paragrafu 37(a) humiex adegwati u suffiċjenti biex tikkonforma mal-obbligli tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbi u għandha timmira li maż-żmien ma tiddependix biss minn dawn iċ-ċertifikazzjonijiet u r-rapporti.
39. F'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzionijiet kritiċi jew importanti, ditta għandha tagħmel użu miċ-ċertifikazzjonijiet ta' parti terza u mir-rapporti tal-awditjar esterni jew interni msemmija fil-paragrafu 37(a) biss jekk:
 - a) tkun sodisfatta li l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjonijiet jew tar-rapporti tal-awditjar ikopri s-sistemi ewlenin tas-CSP (pereżempju l-proċessi, l-applikazzjonijiet, l-infrastruttura, iċ-ċentri tad-data), il-kontrolli ewlenin identifikati mid-ditta u l-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbi rilevanti;
 - b) tivvaluta bir-reqqa l-kontenut taċ-ċertifikazzjonijiet jew tar-rapporti tal-awditjar fuq bażi regolari u tivverifika li ċ-ċertifikazzjonijiet jew ir-rapporti mhumiex skaduti;
 - c) tiżgura li s-sistemi u l-kontrolli ewlenin tas-CSP ikunu koperti fil-verżjonijiet futuri taċ-ċertifikazzjonijiet jew tar-rapporti tal-awditjar;

- d) tkun sodisfatta bil-parti li tiċċertifika jew li tawditja (pereżempju fir-rigward tal-kwalifikasi, l-ġħarfien espert, it-twettiq mill-ġdid/il-verifika tagħha tal-evidenza fil-fajl tal-auditjar sottostanti kif ukoll ir-rotazzjoni tal-kumpanija taċ-ċertifikazzjoni jew tal-auditjar);
 - e) tkun sodisfatta li jinħarġu ċ-ċertifikazzjonijiet u li l-audit jitwettqu skont standards xierqa u jinkludu test tal-effettività tal-kontrolli ewlenin stabbiliti;
 - f) ikollha d-dritt kuntrattwali li titlob l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjonijiet jew tar-rapporti tal-auditjar għal sistemi u kontrolli oħra rilevanti tas-CSP; l-ġħadd u l-frekwenza ta' tali talbiet għall-modifika tal-kamp ta' applikazzjoni għandhom ikunu raġonevoli u leġittimi minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju;
 - g) iżżomm id-dritt kuntrattwali li twettaq awditi individwali fuq il-post fid-diskrezzjoni tagħha fir-rigward tal-funzjoni esternalizzata.
40. Ditta għandha tiżgura li, qabel żjara fuq il-post, inkluż minn parti terza maħtura mid-ditta (pereżempju awditur), jiġi pprovdut avviż minn qabel lis-CSP fi żmien raġonevoli, sakemm notifika bikrija minn qabel ma tkunx possibbli minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' kriżi jew twassal għal sitwazzjoni fejn l-auditu ma jibqax effettiv. Tali avviż għandu jinkludi l-post, l-iskop taż-żjara u l-persunal li se jipparteċipa fiż-żjara.
41. Fid-dawl tal-fatt li s-servizzi ta' cloud jippreżentaw livell għoli ta' kumplessità teknika u jqajmu sfidi ġurisdizzjonali speċifiċi, il-persunal li jwettaq l-auditu – sew jekk ikunu l-audituri interni tad-ditta jew inkella l-audituri li jaġixxu f'isimha – għandu jkollu l-ħiliet u l-ġħarfien adegwati biex jivaluta kif xieraq is-servizzi rilevanti ta' cloud u jwettaq awditu effettiv u rilevanti. Dan għandu jaapplika wkoll għall-persunal tad-ditti li jirrieżamina ċ-ċertifikazzjonijiet jew ir-rapporti tal-auditjar ipprovduti mis-CSP.

Linja Gwida 7. Subesternalizzazzjoni

42. Jekk is-subesternalizzazzjoni ta' funzionijiet kritiċi jew importanti (jew partijiet materjali tagħha) tiġi permessa, il-ftehim bil-miktub ta' esternalizzazzjoni tal-cloud bejn id-ditta u s-CSP għandu:
- a) jispeċifika kwalunkwe parti jew aspett tal-funzjoni esternalizzata li huma eskużi mis-subesternalizzazzjoni potenzjali;
 - b) jindika l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati f'każ ta' subesternalizzazzjoni;
 - c) jispeċifika li s-CSP jibqa' responsabbi u huwa obbligat li jissorvelja dawk is-servizzi li jkunu ġew subesternalizzati minnu sabiex jiġi żgurat li l-obbligi kuntrattwali kollha bejn is-CSP u d-ditta jiġu ssodisfati kontinwament;
 - d) jinkludi l-obbligu li s-CSP jinnotifika lid-ditta dwar kwalunkwe subesternalizzazzjoni intenzzonata, jew bidliet materjali tagħha, b'mod partikolari fejn dan jista' jaffettwa l-kapaċċità tas-CSP li jissodisfa l-obbligli tiegħu skont l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud mad-ditta. Il-perjodu ta' notifika stabbilit fil-ftehim bil-miktub għandu jippermetti lid-ditta biżżejjed żmien tal-inqas biex twettaq

- valutazzjoni tar-riskju tas-subesternalizzazzjoni proposta jew bidliet materjali fiha u toġżejjonahom jew tapprovahom espliċitament, kif indikat fil-punt (e) hawn taħt;
- e) jiżgura li d-ditta jkollha d-dritt li toġżejjona għas-subesternalizzazzjoni intenzjonata, jew bidliet materjali fiha, jew li tkun meħtieġa approvazzjoni espliċita qabel ma s-subesternalizzazzjoni proposta jew il-bidliet materjali jidħlu fis-seħħ;
 - f) jiżgura li d-ditta jkollha d-dritt kuntrattwali li ttemm l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud mas-CSP f'każ li toġżejjona għas-subesternalizzazzjoni proposta jew bidliet materjali fiha u f'każ ta' subesternalizzazzjoni mhux dovuta (pereżempju meta s-CSP jiproċedi bis-subesternalizzazzjoni mingħajr ma jinnotifika lid-ditta jew jikser b'mod serju l-kundizzjonijiet tas-subesternalizzazzjoni speċifikati fil-ftehim ta' esternalizzazzjoni).

43. Id-ditta għandha tiżgura li s-CSP jissorvelja lis-subesternalizzatur kif xieraq.

Linja Gwida 8. Notifika bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti

44. Id-ditta għandha tìnnotifika bil-miktub lill-awtorità kompetenti tagħha fil-ħin dwar l-arranġamenti ppjanati ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jikkonċernaw funzjoni kritika jew importanti. Id-ditta għandha tìnnotifika wkoll fil-ħin u bil-miktub lill-awtorità kompetenti tagħha dwar dawk l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud li jikkonċernaw funzjoni li qabel kienet ikklassifikata bħala mhux kritika jew mhux importanti u mbagħad saret kritika jew importanti.
45. In-notifika bil-miktub tad-ditta għandha tħalli, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità, tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:
- a) id-data tal-bidu tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni tal-cloud u, kif applikabbi, id-data li jmiss tat-tiġdid tal-kuntratt, id-data tat-tmiem u/jew il-perjodi ta' avviż għas-CSP u għad-ditta;
 - b) deskrizzjoni ċara tal-funzjoni esternalizzata;
 - c) sommarju qasir tar-raġunijiet għaliex il-funzjoni esternalizzata titqies bħala kritika jew importanti;
 - d) l-isem u l-isem tad-ditta (jekk ikun hemm) tas-CSP, il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tiegħi, in-numru tar-reġistrazzjoni korporattiva tiegħi, l-identifikatur tal-entità legali tiegħi (fejn disponibbli), l-indirizz irreġistrat tiegħi, id-dettalji ta' kuntatt rilevanti tiegħi u l-isem tal-kumpanija omm tiegħi (jekk ikun hemm);
 - e) il-liġi regolatorja tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni tal-cloud u, jekk ikun hemm, l-għażla tal-ġurisdizzjoni;
 - f) il-mudelli ta' implementazzjoni tal-cloud u n-natura speċifika tad-data li għandha tinżamm mis-CSP u l-postijiet (jiġifieri reġjuni jew pajjiżi) fejn se tinhāżen tali data;
 - g) id-data tal-valutazzjoni l-aktar reċenti fir-rigward tal-kritikalità jew tal-importanza tal-funzjoni esternalizzata;
 - h) id-data tal-valutazzjoni tar-riskju jew tal-auditjar l-aktar reċenti tas-CSP flimkien ma' sommarju qasir tar-riżultati ewlenin, u d-data tal-valutazzjoni tar-riskju jew tal-auditjar ippjanat li jmiss;

- i) il-korp individuali jew deċiżjonali fid-ditta li jkun approva l-arranġament ta' esternalizzazzjoni tal-cloud;
- j) fejn applikabbi, l-is-mijiet ta' kwalunkwe subesternalizzatur li lilu jiġu subesternalizzati partijiet materjali ta' funzjoni kritika jew importanti, inkluż il-pajjiż jew ir-reġjun fejn is-subesternalizzaturi huma rreġistrati, fejn se jitwettaq is-servizz subesternalizzat, u fejn se tinħażen id-data;

Linja Gwida 9. Superviżjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud

- 46. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivalutaw ir-riskji li jirriżultaw mill-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud tad-ditti bħala parti mill-proċess superviżorju tagħhom. B'mod partikolari, din il-valutazzjoni għandha tiffoka fuq l-arranġamenti relatati mal-esternalizzazzjoni ta' funzionijiet kritiċi jew importanti.
- 47. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti bil-fatt li dawn jistgħu jwettqu superviżjoni effettiva, b'mod partikolari meta d-ditti jesternalizzaw funzionijiet kritiċi jew importanti li jitwettqu barra mill-UE.
- 48. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivalutaw permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju jekk id-ditti:
 - a) għandhomx stabbiliti l-governanza, ir-riżorsi u l-proċessi operazzjonali rilevanti biex jidħlu f'arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-cloud u jimplimentawhom u jissorveljawhom b'mod xieraq u effettiv;
 - b) jidentifikawx u jiġġestixx ir-riskji rilevanti kollha relatati mal-esternalizzazzjoni tal-cloud.
- 49. Fejn jiġu identifikati riskji ta' konċentrazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw l-iżvilupp ta' tali riskji u jevalwaw kemm l-impatt potenzjali tagħhom fuq ditti oħra li jissorveljaw kif ukoll l-istabbiltà tas-suq finanzjarju.